MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 8/1995/3

**Paul Mizzi**

**v.**

**Anton F. Attard**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-attur Paul Mizzi u appell incidentali mill- konvenut Anton F. Attard minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fil- 4 ta' Dicembru 2007 li biha l-

Qorti cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez relattivi jinqasmu kwantu ghal terz (1/3) mill-attur u zewg terzi (2/3) mill-konvenut.

Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht.
“Il-Qorti,

“Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta:

“Illi permezz ta' artikolu stampat miktub mill-attur intestat "Iċ-Ċimiterju tal-Matriċi u s-sofiżmi" li deher fil-ħarġa tal-ġurnal "Il-Mument" tal-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tal-elf disa' mija u erba u disgħin (1994) f'paġna tnejn u għoxrin (22) li kopja tiegħu qed tiġi hasn annessa u mmarkata bħala dokument A, il-konvenut fil-kuntest kollu u fl-interezza tal-imsemmi artikolu ta' malafama lill-attur billi attribwielu fatti determinati fl-iskop li joffendi l-unur u l-fama tal-istess u bl-iskop li jwaqqgħu għar-redikolu u għad-disprezz tal-pubbliku u bl-iskop illi jtellef jew jnaqqas ir-reputazzjonit al-attur u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu mitejn u tmienja u erbgħin (248) tal-Liġijiet ta' Malta – Att dwar l-Istampa 1974.

“Talab lill-konvenut jgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

“1. tiddikjara li l-artikolu stampat li deher fil-ħarġa ta' "Il-Mument" tal-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tal-elf disa' mija u erbgħa u disgħin (1994) fuq imsemmi u riprodott fid-dokument A hawn esebit jikkostitwixxi malafama fil-konfront tal-attur.

“2. Tiddikjara li l-konvenut hu ħati li ta' malafama lill-attur kif fuq imsemmi.

“3. Tillikwida l-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni f'somma li ma teċċedix l-elf lira Maltija (Lm1000) minnu sofferti in segwitu għal dina l-malafama.

“4. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat kif fuq imsemmi.

“Bl-ispejjeż u bl-interess legali.

“Bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

“Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi:

“1. In linea preliminari illi l-attur ma jistax jipproċedi permezz ta' din il-kawża qabel ma jkun ħallas interament l-ispejjeż u drittijiet ġudizzjarji inkorsi mill-esponenti sabiex jikkontesta l-kawża fl-istess ismijiet "Citaz. Nru. 1072/1994 GMA" istitwita quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, liema kawża ġiet sussegwentement irtirata mill-attur;

“2. Illi wkoll in linea preliminari, iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti filwaqt illi jieħu r-responsabbilita' kollha ta' kwalunkwe malafama illi tista' tirriżulta bl-artikolu ċitat mill-attur qiegħed jiddikjara illi b'difiża tiegħu huwa jrid jipprova l-verita' tal-fatti attribwiti minnu lill-parti offiża, stante illi l-attur abitwalment jeżerċita professjoni, arti jew sengħa u l-fatti attribwiti lilu huma dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa.

“3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

“Rat il-verbal tagħha tas-26 ta' Gunju 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

“Rat in-noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

“Ikkunsidrat:

“Il-kawza hija waħda taħt l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap.248) għall-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-attur, in linea ta' danni kkaġunati minħabba allegata malafama li saret lilu bl-artiklu ntitolat "**Ic-Cimiterju tal-matriċi u s-sofiżmi**" ppublikat f'paġna 22 tal-gażżetta "Il-Mument" tal-31 ta' Lulju 1994.[1] Mid-depożizzjoni ta' l-attur, jidher illi huwa ħassu l-aktar offiż bl-ewwel parti ta' dan l-artikolu fejn il-konvenut sostna illi:

"*Il-kitba ta' Pawlu Mizzi tingħaraf mill-ewwel, sew jekk meta jikteb b'ismu, kif ukoll jekk jużgħa ismijiet oħra jew psewdonimi, għax tkun miżgħuda bis-sofiżmi. Hekk ukoll jinqabad min jikkopja mill-kitbiet tiegħu.*

*“Karatteristiċi oħra tal-kitba 'storika' ta' Pawlu Mizzi (minbarra li jikkopja) huma dawn:*

*“(a) Jaqla' espressjonijiet jew sentenzi minn kuntest u jużahom f'kuntest totalment differenti biex mingħalieh iservuh ta' 'prova'.*

*“(b) Meta jikkwota mid-dokumenti ma jgħidx il-verita' kollha.*

*“(c) Jgħawweġ il-fatti u għalih il-verita' storika tfisser biss dak li jaqbel lilu.*

*“(d) Jifhem ħażin, u allura juri li hu defiċjenti fit-tagħlim tax-xjenzi, u b'hekk jimla' kitbietu bl-iżbalji.*

*“(e) Meta ma jsibx argumenti sodi biex jipprova t-tezi tiegħu, jipprova jasal billi jagħmel minn kollox biex ikisser u jżarma lil ħaddieħo*r." [2]

“L-eċċezzjoni ta' natura preliminari mogħtija mill-konvenut, ġiet irtirata permezz ta' verbal tal-legali tiegħu fl-udjenza ta' l-20 ta' Jannar 1998.[3] Fil-mertu, jiddefendi ruħu bl-

[1] Dok. A anness maċ-ċitazzjoni.
[2] Ara xhieda tal-attur a fol. 35 tal-proċess.
[3] A fol. 26.

eċċezzjoni tal-verita' tal-fatti. Min iressaq eċċezzjoni bħal din, jieħu r-responsabilita' kollha tal-malafama u jiddefendi ruħu billi jsostni li dak li ġie miktub u ppubblikat minnu jikkonsisti f'verita` u allura m'għandux jiġi ċċensurat. A tenur ta' l-artikolu 12 ta' l-Att imsemmi, sabiex tittieħed difiża simili, jeħtieġ li:

"1. il-konvenut jiddikjara li jkun qed jieħu din id-difiża fl-istadji preliminari tal-proċeduri;

"2. l-attur ikun wieħed mill-persuni ndikati f'dak l-artikolu; u

"3. Id-dikjarazzjonijiet malafamanti jkunu dwar il-kariga tiegħu riżultanti mill-istess artikolu.

"Kif ġie mfisser mill-Qrati tagħna : "*Il-liġi ta' l-istampa tammetti lill-imputat li jipprova l-verita' tal-fatti minnu attribwiti lill-persuna offiża fil-każ li l-offiż jeżerċita professjoni, arti jew sengħa u l-fattijiet attribwiti lilu huma dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa u fil-każ li jkollu l-kariga ta' interess pubbliku u ġenerali*." [4]

"Fil-każ in eżami, jidher illi jeżistu ċ-ċirkostanzi li jagħmluha possibbli għall-konvenut illi jressaq l-hekk imsejjħa "***exceptio veritatis***". Dan għaliex :

"1. din l-eċċezzjoni ressaqha proprju fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu;

"2. qajjimha kontra l-attur li, għalkemm iddikjara li l-professjoni tiegħu hija ta' pubblikatur, jirriżulta illi huwa wkoll riċerkatur u kittieb dwar l-istorja ta' pajjiżna; u

"3. Id-dikjarazzjonijiet mertu tal-kawża saru proprju b'risposta għal dak li l-attur kien kiteb f'diversi ġurnali lokali.[5]

---

[4] Appell Kriminali: Pulizija v. Joseph Bonnici: 21.07.1947.

[5] Ara l-*cuttings* mill-gazzetti esebiti sew mill-attur, kif ukoll mill-konvenut.

"Dwar il-grad ta' prova rikjesta f'każijiet simili, ġie spjegat illi: "… *meta l-konvenut jallega l-prova tal-verita' tal-fatti, allura l-pożizzjoni tinverti ruħha, 'pro tempore' u hu jsir akkużatur privat u l-kwerelant ikun qisu fil-pożizzjoni ta' akkużat. Intqal ukoll illi l-prova miġjuba mill-konvenut f'dan ir-rigward għandha tkun talment konklussiva daqs li kieku l-kwerelant kien qed jiġi proċessat għal dawk l-imputazzjonijiet li saru kontra tiegħu mill-kwerelat*." [6]

"Tressqu diversi xhieda, sew mill-attur biex juri kif kien ġie malafamat, kif ukoll mill-konvenut biex jipprova l-verita' ta' dak li kien allega fl-artikolu in kwistjoni. Ġara pero` illi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, l-attur għamel referenza għal apoloġija pubblika li kien għamel fil-kors tas-smiegħ tal-kawża il-konvenut in konnessjoni ma' dak li kien kiteb fl-artikolu *de quo*.[7] Infatti, kif jirriżulta mid-dokument li ġie anness ma' n-nota responsiva tal-konvenut, li qed jiġi ammess in vista tal-fatt li kien l-attur stess li semma dan l-inċident f'dak l-istadju tal-proċeduri, din l-apoloġija kienet ġiet pubblikata fil paġna 29 tal-ħarġa tal-gażżetta "il-Mument" tat-12 ta' Mejju 1996.[8] F'ċirkostanzi pjuttost simili fejn l-attur kien ħarrek lill-konvenut għall-malafama, wara li saret apoloġija pubblika li ġiet stampata bl-istess prominenza ta' l-artikolu nġurjuż, bi ftehim ma' l-istess attur, il-Qorti ċaħdet it-talba ta' l-istess attur għad-danni kkawżati b'din il-malafama, wara li ċċitat mill-ktieb Media Law tal-awtur Peter Carey fis-sens illi : " *The party accepting the offer may not bring (**or continue where already commenced)**[9] an action in defamation in relation to the publication to which the offer relates … If an offer of amends is accepted by the aggrieved party then no further action in libel or slander can be taken by that party against the person who made the offer*." [10]

"Ġialadarba għalhekk, kif jammetti l-istess attur fin-nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu, kienet saret transazzjoni f'dan ir-rigward bejn il-kontendenti, li wasslet lill-konvenut biex

---

[6] Appell: Amabile Cauchi MLA v. Ganni Attard: 5.02.1955.
[7] A fol. 163 tal-proċess.
[8] Ara dokument A a fol. 180.
[9] Enfasi ta' din il-Qorti.
[10] Prim Awla: Avukat Dr. Anthony P. Farrugia v. Perit Arkitett Michael Falzon noe. et: 28.11.2001.

jiddikjara pubblikament li "… *hu b'ebda mod u manjera ma ried iħammeġ isem is-sur Paul Mizzi u joffendilu l-unur tiegħu*", u rtira l-kliem malafamanti u talab skuża għal tali dikjarazzjoni,[11] din l-apoloġija ma kellhiex isservi biss sabiex tiġi rtirata l-kwerela fil-proċeduri kriminali li kienu ttieħdu kontra l-istess konvenut mill-attur, imma wkoll sabiex jinqatgħu darba għal dejjem il-kwistjonijiet pendenti in konnessjoni ma' l-artikolu li bih l-attur ħassu libellat. Altrimenti l-konvenut ikun biss qed jitfa' l-ħtija fuqu nnifsu a vantaġġ ta' l-attur li, kif appuntu ġara fil-każ in eżami, jittenta mbagħad juża l-istess apoloġija bħala prova a favur tiegħu fil-kawża ċivili.

"Billi għalhekk, u in vista tal-pubblikazzjoni ta' l-apoloġija mill-konvenut, dawn il-proċeduri suppost li kellhom jiġu terminati wkoll, it-talba għad-danni relatata kif inhi ma' l-istess każ li dwaru saret dik l-apoloġija, ma tistax issa tirnexxi.

"Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, b'dana pero` illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ u tenut kont li l-apoloġija tal-konvenut saret xi ftit taż-żmien wara li kienet ġia` ġiet intavolata din il-kawża, l-ispejjeż relattivi għandhom jiġu ssoportati kwantu għal terz ($^{1}/_{3}$) mill-attur u żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-konvenut.

**Rikors tal-appell tal-attur**

L-attur hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b'rikors prezentat fil-21 ta' Diċembru 2007.

In succint, l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Fl-ewwel aggravju l-appellant issottometta li d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija kompletament *ultra petita*, ghaliex hija ddecidiet il-kawza fuq raguni li ma tirrizultax min-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut. L-unika eccezzjoni li giet sollevata mill-konvenut kienet tirrigwarda l-verita` tal-fatti, mentri l-ewwel Qorti cadhet it-talbiet attrici ghaliex dehrilha li bl'apologija li ghamel il-konvenut l-

[11] Ara stqarrija tat-12.05.1996 a fol. 180.

azzjoni attrici ma setghetx tirnexxi u dana nonostante li ma tqajjmet ebda eccezzjoni f'dan is-sens.

2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-apologija li nghatat mill-konvenut u dwar il-mod kif giet accettata mill-attur u rtirata l-kwerela. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-apologija nghatat u giet accettata minghajr ebda riservi, mentri kieku rat il-verbal tat-transazzjoni kienet indubbjament tirrealizza li l-apologija giet offruta u accetata "*minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghhom f'kawza civili gia` pendenti bejniethom dwar l-istess mertu",* u cioe` minghajr pregudizzju ghall-ezitu tal-kawza odjerna. L-appellant ipprezenta kopa tal-verbal tad-29 ta' April 1996 Dok A fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Anton F. Attard" fejn fit-tieni paragrafu ta' dan il-verbal jidher li l-istess apologija ma kienitx se taffettwa l-proceduri pendenti bejn il-partijiet.

3. Fit-tielet lok, l-appellant jghid li l-argumenti imsemmija fis-sentenza "Farrugia vs Falzon" li ghamlet referenza ghalihom l-ewwel Qorti ma japplikawx ghal dan il-kaz, ghax, fost diversi ragunijiet moghtija, l-apologija hemmhekk giet offruta minghajr riservi kwalsiasi, mentri fil-kaz prezenti kien hemm ir-riserva fuq imsemmija.

4. Fir-raba' aggravju tieghu, l-appellant jinsisti li l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi abbazi tal-unika eccezzjoni fil-mertu li nghatat u cioe` fuq l-eccezzjoni dwar il-verita` tal-fatti u mhux fuq l-apologija li saret mill-konvenut fl-atti tal-proceduri kriminali.

5. Fl-ahharnett fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, l-appellant jghid li dawn ghandhom jigu akkollati lill-konvenut billi kien il-konvenut li fl-istadju ahhari tal-kawza, fin-nota ta' sottomissjonjiet tieghu, zgwida lill-Qorti sabiex tiehu decizjoni li tmur oltre t-termini tac-citazzjoni u l-eccezzjonijiet prodotti fil-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant Paul Mizzi talab ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u li din il-Qorti tal-Appell tilqa' t-talbiet attrici, jew sussidjarjament

jekk jidhrilha aktar opportun, terga' tibghat l-atti tal-kawza lill-ewwel Qorti sabiex tiddeciedi fuq il-mertu. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

**Risposta tal-konvenut appellat u kontestwali appell incidentali.**

L-appellat Attard wiegeb li l-appell huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi rigettat bl-ispejjez kollha kontra l-appellant. Hu nqeda bl-appell principali biex interpona appell incidentali kontra dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti ddikjarat li l-ispejjez relattivi ghandhom jigu ssoportati kwantu ghal terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut.

Fir-risposta tieghu l-appellat jghid li d-decizjoni tal-ewwel Qorti ma tistax tigi attakkata fuq il-bazi ta' *ultra petita.* Hu jsostni li waqt li l-appellant qed jargumenta li l-ewwel Qorti qed taghti iktar minn dak mitlub (*ultra petita)* fl-istess nifs isostni li l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq kunsiderazzjonijiet li ma gewx sollevati fin-nota' ta' eccezzjonijiet tal-konvenut. Ghalhekk, skond l-appellat l-aggravju dwar *ultra petita* ma jistax jintlaqa' u l-Qorti ma tistax tinduci xi aggravju iehor minflok. Kwantu ghall-argument li ma tressqet ebda eccezzjoni dwar apologija, l-appellat jghid li hemm diversi sentenzi li rritenew li kien lecitu li jigu sollevati eccezzjonijiet, sahansitra f'nota ta' osservazzjonijiet, purche` l-gudikant fil-kunsiderazzjonijiet tieghu, jezamina l-mezzi ta' difiza li l-partijiet ikunu ressqu quddiemu, fi spirtu li jigu rispettati l-principji ta' gustizzja naturali. Biex wiehed ikun preciz, l-appellat jghid li l-kwistjoni tal-apologija iddahhlet mill-appellant inniffsu fin-nota' ta' sottomissjonijiet tieghu u mhux mill-appellat li semplicement irribatta dak li ntqal.

Dwar it-tieni aggravju tal-appellant, il-konvenut wiegeb li la darba l-appellant ghazel li jmur kontra l-verbal u pprova juza l-apologija sabiex jagevola l-posizzjoni tieghu fil-kawza, ma kien hemm xejn zleali fil-fatt li hu ddefenda ruhu.

**Appell Incidentali**

Fl-appell incidentali tieghu l-konvenut isostni li stante li t-talbiet attrici ma gewx milqugha, hu ma kienx tellief, u ghalhekk ma kellux ibati spejjez. In vista tal-fatt li kienet saret apologija, kien ikun aktar opportun li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, kif sar fis-sentenza **Farrugia v. Falzon**. Inoltre lanqas hu lecitu li l-appellant idum ghaxar snin biex jaghlaq il-provi tieghu, ikompli jzid l-ispejjez, imbaghad l-appellat ibati zewg terzi mill-ispejjez.

**Risposta tal-attur Paul Mizzi ghall-appell incidentali pprezentat mill-konvenut.**

Fir-risposta ghall-appell incidentali, l-attur wiegeb li hemm gurisprudenza kopjuza li stabbiliet li hemm cirkustanzi li jimmeritaw li spejjez f’kawza jinqasmu b’mod jew iehor. Hu jghid li anke kieku wiehed kellu joqghod fuq id-decizjoni tal-ewwel Qorti, xorta wahda ma jaghmilx sens li l-ispejjez ikunu pagabbili mod iehor, billi l-ewwel Qorti ddecidiet abbazi tal-fatt li l-apologija saret ferm wara l-prezentata tal-kawza. Il-kawza twalet ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet u minhabba avvenimenti li graw fil-pendenza tal-kawza.

**Fatti mertu tal-kawza**

Qabel ma tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-attur appellant, u l-appell incidentali tal-konvenut, din il-Qorti thoss li jkun qabel xejn opportun illi taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni.

L-appellant ipproceda bil-kawza odjerna wara li hassu malafamat b’artikolu miktub mill-appellat intestat “Ic-cimiterju tal-Matrici u s-sofizmi” li deher fil-harga tal-gurnal “Il-Mument” tal-31 ta’ Lulju 1994. L-appellat, filwaqt li ha r-responsabbilta` kollha ta’ kwalunkwe malafama illi setghet tirrizulta bl-artikolu in kwistjoni, iddefenda ruhu bid-difiza tal-‘verita` tal-fatti’.

Apparti l-kwistjoni civili, l-appellant kien istitwixxa wkoll proceduri kriminali fil-konfront tal-appellat fuq l-istess artikolu. Permezz ta’ dikjarazzjoni fil-harga tal-Mument 12

ta’ Mejju 1996 l-appellat kien talab skuza lill-appellant u rtira kull insinwazzjoni li kien ghamel fil-harga tal-gazzetta tal-31 ta’ Lulju 1994.

Permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ddikjarat li t-talba attrici ghad-danni ma tistax tirnexxi peress li l-konvenut kien ghamel apologija dwar il-mertu tal-kaz u ghalhekk il-proceduri odjerni suppost li kellhom jigu terminati.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa ta’ natura proceduralí stante li qieghed jigi sottomess illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija kompletament *ultra petita* u dan stante li d-decizjoni hija bazata fuq raguni li ma tirrizultax min-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut.

L-appellant ghamel referenza ghal ghadd ta’ sentenzi in sostenn ghal dan l-aggravju u dan fis-sens illi l-Qorti ghandha tillimita l-ezami u l-gudizzju taghha ghad-domandi tal-attur kif dedotti fic-citazzjoni u l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu. Il-Qorti m’ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li ma hix awtorizzata espressament mill-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn xi konsiderazzjonijiet serja ta’ ordni pubbliku. Jekk isir hekk allura l-Qorti tkun qeghda tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess minghajr ma l-parti interessata tkun tista’ tiddefendi ruhha minn tali eccezzjoni, u dan in omagg ghall-principju kardinali ta’ gustizzja naturali *audi alteram partem.*

Kif osservat din il-Qorti fis-sentenza **Vincent Camilleri et v. Gaetano Aquilina**[12] “*in-nota tal-eccezzjonijiet tinkwadra l-linja difensjonali tal-konvenut ghat-talbiet li jkunu saru fic-citazzjoni u mhux korrett u lanqas ma ghandu jigi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawza meta l-istadju tal-provi jkun maghluq u meta din tithalla ghas-sottomissjonijiet orali jew biex jigu prezentati noti tal-osservazzjonijiet, l-kontro-parti tigi rinfaccata b’linja*

[12] Qorti tal-Appell, 16 ta’ Marzu 2004.

*difensjonali gdida minghajr ma jigu osservati r-regoli procedurali."*

Dan kien ukoll il-hsieb fis-sentenza **Perit Carmel Mifsud Borg v. Kurt Farrugia**[13] *"Hu principju kardinali ben affermat fid-duttrina procedurali illi l-gudikant hu fid-dmir li jiddeciedi iuxta alligata et probata. Li jfisser, illi d-decizjoni tieghu ghandha tkun estratta unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet tal-partijiet u tac-cirkustanzi tal-fatti dedotti u provati ghab-bazi tat-talba jew tal-eccezzjoni. S'intendi, tali principju hu mahsub biex ikun assikurat illi hadd mill-partijiet ma jigi sorpriz b'decizjoni bazata fuq fatti jew difizi mhux dedotti jew provati, u li dwarhom il-partijiet ma kellhomx lanqas il-possibbilita` li jirreagixxu bi prontezza u fil-mument opportun ghalihom"*

Fir-risposta tieghu l-appellat jghid li l-appellant ma jistax jattakka d-decizjoni tal-ewwel Qorti fuq il-bazi li hija *ultra petita* u fl-istess nifs isostni li l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq kunsiderazzjonijiet li ma gewx sollevati fin-nota' ta' eccezzjonijiet tal-konvenut. Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-aggravju tal-appellant huwa gustifikat peress illi dan l-aggravju in sostanza jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza fuq raguni li ma tirrizultax min-nota' ta' eccezzjonijiet tal-konvenut u cioe` li t-talba attrici mhix izjed prosegwibbli minhabba l-apologija ppubblikata.

Ghalkemm il-konvenut jghid li hu ma qajjem ebda eccezzjoni formali[14], din il-linja difensjonali harget biss fl-ahhar fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut[15], u dana permezz ta' dokument li gie anness ma' l-istess nota, liema fatt huwa wkoll proceduralment skorrett.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghdha takkolji l-ewwel aggravju tal-attur.

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet aggravju, din il-Qorti wkoll hija tal-fehma illi l-appellant ghandu ragun. L-ewwel Qorti ma

[13] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 11 ta' Dicembru 2009.
[14] Ara risposta tal-appell a fol. 6 tieni paragrafu.
[15] Ara fol. 170.

kienitx korretta meta ippronunzjat ruhha fis-sens li t-transazzjoni milhuqa fil-kawza kriminali tterminat ukoll il-pendenza civili. Dan kjarament ma jirrizultax mill-verbal ipprezentata mar-rikors tal-appell. Anzi jirrizulta proprjament il-kuntrarju, ghaliex permezz ta' dak il-verbal l-appellant odjern zamm fermi d-drittijiet tieghu fil-kawza odjerna. Ghalkemm huwa veru li l-attur ghamel referenza fin-nota tieghu[16] ghal ammissjoni fil-kawza kriminali kontra l-konvenut, il-konvenut min-naha l-ohra ma kienx leali lejn il-Qorti meta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ma jsemmiex ir-riserva li kienet saret[17].

Lanqas ma kienet korretta meta l-ewwel Qorti ikkwotat is-sentenza **Avukat Dr. Anthony P. Farrugia v. Perit Arkitett Michael Falzon noe**[18] in sostenn ghal dak deciz minnha, u dan stante li f'dik il-kawza, ghalkemm ic-cirkostanzi kienu simili, fiha l-attur kien accetta apologija minghand il-konvenut inkondizzjonatament u minghajr riservi. Il-fattispeci f'dan il-kaz huwa differenti f'din il-partikolarita` u cioe` illi l-partijiet ittransigew il-kawza kriminali minghajr pregudizzju ghad-drittijiet taghhom fil-kawza civili dwar l-istess mertu. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti ma setghatx tikkonkludi li l-apologija li saret fl-atti tal-kawza kriminali kellha sservi wkoll biex fi kliemha stess "*jinqatghu darba ghal dejjem il-kwistjonijiet pendenti in konnessjoni ma' l-artikolu li bih l-attur hassu libellat.*"

**Appell Incidentali**

Illi fir-rigward tal-appell incidentali din il-Qorti mhux se tippronunzja ruhha stante d-decizjoni fil-paragrafi precedenti.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, fl-ewwel lok tiddisponi mill-appell interpost mill-attur, billi tilqa' l-istess, thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-4 ta' Dicembru 2007, u in konsiderazzjoni ghall-principju

---

16 Ara fol. 163.
17 Ara fol. 170.
18 Prim Awla, 28 ta' Novembru 2001.

tad-*doppio esame*, tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni skond il-ligi.  Fit-tieni lok, in vista ta’ dak appena deciz, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-appell incidentali tal-konvenut.

L-ispejjez tal-appell ibatuhom, fic-cirkustanzi, b’mod indaqs il-partijiet.  L-ispejjez tal-appell incidentali jbatihom il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------